MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Numru 1173/2012

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)
vs
Sandro Micallef

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 298380 (M), akkuzat talli:

Fis-26 ta' Dicembru 2011 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi gewwa dawn il-gzejjer:

1. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Steve Abela, weggghu bi kliem, gesti, kitba jew b'xi mod iehor u liema kliem, gesti jew kitbiet jew anke imxandrin u/jew esposti ghall-pubbliku bi ksur tal-Artikolu 252 (1) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u iktar talli bl-istess atti immalafama lil Steve Abela permezz ta’ pubblikazzjoni jew tqassim f’Malta ta’ stampat jew bil-mezz tax-xandir u dan bi ksur tal-Artikoli 3 u 11 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda

Ikkunsidrat

Fl-udjenza tal-14 ta’ Mejju 2013 l-kwerelant rtira l-kwerela wara li giet ippresentata
lilu dikjarazzjoni mill-imputat li l-isetss kwerelant ddikjara kienet sodisfacenti ghalih.

In vista ta’ dan il-qorti tiddikjara procediment esawrit u tieqaf milli tiehu iktar konjizzjoni tal-kawza.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------